MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 4/2009/3

**Philip Galea**

**v.**

**Gertrude Galea**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fit-8 ta' Jannar 2009 li jaqra hekk:

"1. Illi l-attur Philip Galea u l-konvenuta Gertrude Galea zzewwgu fis-26 ta' April tas-sena elf disa' mija, sitta

u tmenin (1986), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn taht anness u mmarkat bhala Dok.PG1.

“2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-konvenuta illi taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u dan *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;
“3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, u dan *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“4. Illi ghalhekk iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti kien null u invalidu skont il-ligi.

“Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:

“1. Tiddikjara z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fis-26 ta’ April 1986 null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.”

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata bl-att, baqghet ma ressqitx risposta u baqghet kontumaci;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fl-14 ta’ Ottubru 2010, li in forza taghha cahdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjez.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“Azzjoni**

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-26 ta’ April 1986 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi, u l-artikolu tal-ligi fuq citat.

**“Fatti**

“Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti.

“Fis-26 ta’ April 1986, l-partijiet izzewgu, meta allura l-attur kellu tnejn u ghoxrin [22] sena, u l-konvenuta, li kellha tlett xhur tqala, kellha dsatax [19]-il sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt [6] snin. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett -itfal, Bertraoul, Yesenya u Enrique, fl-4 ta’ Novembru 1986, fit-3 ta’ Gunju 1991 u fis-7 ta’ Awwissu 2000, rispettivament. Wara konvivenza ta’ circa tmintax [18]-il sena, il-partijiet isseparaw de facto.

“Illum l-attur jghix ma’ mara ohra li ilu jikkoabita maghha ghal dawn l-ahhar seba’ snin; filwaqt li l-attrici ghandha relazzjoni extra matrimonjali, imma tghix waheda mat-tfal.

*“Verzjoni Attur*

“L-attur jispjega li meta kien beda johrog mal-konvenuta, huwa kien ghad kellu 15-il sena, filwaqt li l-konvenuta kellha 13-il sena. Jghid li mill-bidunett tar-relazzjoni taghhom dina resqet lejh ghas-sess. Huwa pero’ ma kienx kuntent maghha, u kienu jiggieldu ta’ spiss; ukoll jghid li hi kienet gejja minn familja sfrattata u, anke f’ dak iz-zmien, kien jissuspetta li kienet tkun infidila lejh. B’ dana kollu huwa xorta wahda kompla bir-relazzjoni, minkejja l-oppozizzjoni da parti tal-genituri tieghu. Jghid li hu kien dghajjef, filwaqt li hi kienet tikkontrollah, u ghalhekk qatt ma wasal biex jitlaqaha.

“Illi meta kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt snin, il-konvenuta kienet informatu li skopriet li hi kienet tqila. Din l-ahbar ma nizlitx tajjeb, la mieghu u wisq anqas mal-genituri tieghu; izda ttiehdet id-decizjoni li l-attur

jizzewweg lill-konvenuta. L-attur jafferma li hu kien iddecieda li jizzewweg lill-konvenuta, mhux ghax kien ihobbha, izda unikament minhabba t-tifel li kien ser jitwieled, u ghalhekk kien izzewwigha b' sens ta' responsabbilita'. Di fatti huma zzewgu fi zmien xahar.

"Dwar il-konvivenza matrimonjali l-attur jghid li, mill-bidunett, huma kienu jiggieldu hafna, ghax il-konvenuta kienet mohha biss fil-flus li kien jghaddilha. Jghid li hu kien jahdem sieghat twal sabiex, kemm lil martu kif ukoll, eventwalment lil uliedu, ma jkun jonqoshom xejn; izda minn naha taghha l-konvenuta kienet tillitiga mieghu minhabba s-sieghat twal li hu kien kien jaghmel barra mid-dar, u kienet ukoll tissuspetta fih.

"Jghid li huwa ma kienx kuntent matul il-konvivenza matrimonjali, izda xorta wahda baqa' mal-konvenuta minhabba t-tifel li kien twieled. Sussegwentement twieldu aktar tfal, u jghid li l-att konjugali dejjem kien isir minghajr prekawzzjoni. Jghid li hu kien ikun riluttanti li jaghmel l-att taz-zwieg ma' martu, izda dina kienet theddu, fi kliemu "Jiena kont naqra kawt fuq certu affarijiet, jiena gieli gejt mhedded ghas-sess". Huwa kien jiehu din it-theddida bis-serjeta' tant li jallega li f' certu perijodu "kont norqod bis-sigrieti tieghi f' idejja" ghax kien jibza, peress li l-konvenuta "kienet tghidli naqtalek is-sigrieti."[1]

"Illi eventwalment il-konvivenza bejniethom kienet saret impossibbli, u l-konvenuta keccietu barra mid-dar konjugali.

*"Verzjoni Konvenuta*

"Din, minn naha taghha taqbel ma' l-attur li matul l-gherusija huma kienu jillitgaw ta' sikwit peress li kienu jghiru hafna ghal xulxin u ma kienu jaqblu f' xejn. Huma kienu zzewgu peress li kienet tqila.

"Izda tghid li ghall-ewwel hames snin iz-zwieg taghhom kien wiehed normali. Tghid: "L-ewwel hames [5] snin ghamilna sew, imbaghad bdejna bil-battibekki, konna

[1] Dep. fol.49

ghadna zghar ….. Sa hames snin kont narah normali [z-zwieg], x' kien hemm wara, ma nafx."[2]

"B' dana kollu xorta wahda baqghu jghixu l-hajja konjugali, tant li f' Awwissu 2000 kellhom wild iehor.

"Il-konvenuta tghid li eventwalment il-glied kien sar insapportabbli; u huma bdew ikunu aggressivi fil-konfront ta' xulxin b' mod li l-konvivenza kienet saret impossibbli. Imbaghad l-attur telaq mid-dar konjugali, u kif dan ghamel hekk, "jien imbaghad bdejt niehu hajti kif irrid avolja s-separazzjoni ma kinitx ghadha lesta."[3] Hija pero' cahdet li qatt kienet infidela lejn il-konvenut, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara; izda tghid li wara s-separazzjoni de facto hija kellha relazzjonijiet extra matrimojali, imma tghix waheda mat-tfal.[4]

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija tal-fehema li tikkunsidera bhala nveritieri certu aspetti tal-verzjoni ta' l-attur.

"Dan jallega li huwa kien kompla bir-relazzjoni li kellu mal-konvenuta, u kien wasal ghad-decizjoni li jaccetta li jizzewwigha, peress li kien dghajjef; ghid ukoll li f' xi zmien matul il-konvivenza huwa kien gie mhedded ghas-sess.

"In propozitu l-Qorti tosserva li, wara li semghet u osservat lil din il-parti taghti x-xhieda taghha fuq il-pedana, l-impressjoni qawwi li l-komportament tieghu halla fuq din il-Qorti hija li la hu bniedem dghajjef kif qed jipprova jpingi lilu nnifsu, u lanqas hu bniedem li jissukkombi ghat-theddid; u l-Qorti hi tal-fehema ferma li l-attur izzewweg lill-konvenuta ghax verament ried li jizzewwigha, u jghix il-hajja konjugali, kif fil-fatt ghamel, bir-rizutlat li l-partijiet kellhom zewgt itfal ohra b' intervalli ta' hames [5] u ta' tmien [8] snin rispettivament, bl-ahhar wild jitwieled f' Awwissu tas-sena 2000, cioe' erbatax-il sena fil-

[2] Dep. fol.74
[3] Dep. fol.73
[4] Dep. fol.71

konvivenza. Inoltre, kemm matul l-gherusija, li damet circa sitt [6] snin, kif ukoll tul il-konvivenza l-att taz-zwieg dejjem sar minghajr prekawzzjonijiet, u ghalhekk miftuh ghat-tfal. Hija lecita, fic-cirkostanzi, il-konsiderazzjoni: lli kieku verament iz-zwieg tal-partijiet kien wiehed imqanzah, u li kieku verament l-attur qatt ma habb lill-gharusa tieghu, u eventwalment lill-martu, lanqas haga li wiehed kien jistenna hi li jiehu prekawzzjonijiet waqt ir-relazzjonijiet intimi biex jevita t-twelid ta' aktar tfal mill-mara li ma kienx ihobb. Izda l-provi juru l-kuntrarju; dawn juru li hu ried li jghix il-hajja konjugali mal-konvenuta, u ried ukoll ikollu tfal ohra matul il-konvivenza. Ghaldaqstant hija aktar verosimili u konfacenti mal-fatti l-konvenuta meta fid-depozizzjoni taghha tghid li ghal hames [5] snin fil-bidu, iz-zwieg kien wiehed normali, u jidher li kien priv minn problemi matrimonjali serji bejn il-partijiet.

"Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq il-kawzali tan-nuqqas ta' discretio judicii da parti taz-zewg partijiet, kif ukoll fuq is-simulazzjoni, kontemplati rispettivament fil-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu precitat.

"In propozitu l-Qorti tosserva li mill-provi akkwiziti ma tirrizultax evidenza li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, l-partijiet, jew xi parti, kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar id-dmirijiet u d-drittijiet tal-hajja konjugali; ma rrizultax li huma ma kellhomx dak id-dixxerniment dwar l-import tal-hajja konjugali, jew li ma gharrfux l-obbligi tal-hajja konjugali naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal; kif lanqas irrizulta li l-partijiet, jew parti, kienu nkapaci li jassumu dawn l-obbligi essenzjali ghall-hajja mizzewga, jew li kien hemm xi anomalija psikologika li kienet ghamlitha mpossibbli ghalihom li jghixu l-hajja konjugali. Di fatti l-partjiet ikkonvivew il-hajja konjugali ghal certu tul ta' zmien u matulha kellhom zewt itfal ohra b' intervali relevanti. Dan ukoll, jeskludi t-tieni kawzali mressqa mill-attur.

"In fine jigi osservat li, l-fatt li matul il-konvivenza l-partijiet irriskontraw problemi matrimonjali, tant li wasslu sabiex

jisseparaw, ma jimmilitax kontra l-premess, stante li l-estremi legali li jwasslu ghas-sepazzjoni personali huma differenti minn dawn li legalment jaghtu ghall-annullament taz-zwieg.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema lit-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi respinta."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"…thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri, u dan billi tilqa' t-talba tal-attur appellanti, bl-ispejjez tal-ewwel Qorti u tal-prezenti istanza a karigu tal-konvenuta appellata."

Semghet lill-Avukat tal-attur;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ghall-annullament taz-zwieg li sehh bejn il-partijiet fis-26 ta' April 1986, mil-liema zwieg il-partijiet ghandhom tlett itfal, li minnhom wahda biss ghada minuri. L-attur talab li dan iz-zwieg tieghu jigi dikjarat null peress li l-kunsens tal-partijiet jew xi hadd minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar id-dmirijiet u d-drittijiet tal-hajja konjugali (Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iz-Zwieg, Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ghax inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu (Artikolu 19(1)(f) tal-istess ligi).

L-ewwel Qorti, wara li ezaminat l-affidavits prodotti, u semghet hi stess lill-partijiet jixhdu quddiemha, cahdet it-talba tal-attur ghax ma sabitx li saret il-prova ta' dak allegat mill-attur.

Mis-sentenza ressaq appell l-attur li baqa’ jinsisti mill-kaz tieghu u ssottometta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi.

Trattat l-appell, din il-Qorti tibda biex tosserva li, kif diga` gie minnha osservat, l-attur ma jistax fl-istess hin isostni z-zewg kawzali li hu ressaq in sostenn tat-talba tieghu, peress li huma inkompatibbli wahda mal-ohra.  Ma jistax jargumenta li hu jew martu kienu neqsin mill-kapacita` intelletwali mehtiega li jifhmu id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, waqt li, fl-istess nifs, jallega li tant kienu jafu f’hiex dehlin li, b’decizjoni pozittiva, eskludew li jassumu dawn l-istess drittijiet u dmirijiet (ara, ghal aktar approfondament il-kazijiet decizi minn din il-Qorti **Arqueros v. Arqueros Moreno**, deciza fit-30 ta’ Lulju 2010, u **Baldacchino v. Yingchun**, deciza fit-3 ta’ Dicembru 2010).

Sfortunatament, il-partijiet, fl-entuzjazmu biex jippruvaw jgibu l-annullament akkost ta’ kollox, ma jistudjawx bir-reqqa, flimkien mal-konsulent taghhom, ir-ragunijiet li jistghu wasslu ghal dikjarazzjoni kif mitluba, u minflok “jisparaw” diversi kawzali, bl-isperanza li xi haga jolqtu! B’dan il-mod, pero`, ma jarawx li qed jikkontradixxu lilhom infushom meta jallegaw li xi hadd kellu difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, jigifieri, ma kienx f’posizzjoni jifhem ghal x’hiex diehel, izda, fl-istess hin, jallegaw ukoll li l-persuna tant kienet *sharp* intelletwalment, li fehmet kollox, izda ma rieditx tassumi d-drittijiet u d-dmirijiet li jirrizultaw miz-zwieg.  L-attur, b'dan il-mod, waqqa’ l-kaz tieghu stess: ghax jekk kien kapaci jeskludi z-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu, allura mhux minnu li, fil-mument tal-kunsens, kien affett minn xi difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju dwar dawk l-istess elementi.

F’kull kaz, l-appellant jilmenta mill-apprezzament, skont hu, zbaljat, li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi.  Qabel xejn ghandu jigi mill-gdid rilevat li din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, *ormai* ben assodat, li bhala Qorti ta’ revizjoni, hija bhala regola m’ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun

ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatt li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod biss li hija tkun tista' tikkoregi ingustizzja manifesta. Fil-kaz in ezami, hija fliet bir-reqqa l-provi migbura u sabet li hija sostanzjalment tikkondividi l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti. Qabel ma zzewgu, il-partijiet ghamlu sitt snin johorgu flimkien u ghalkemm bhal kull koppja, mizzewga jew mhux, kellhom argumenti, fl-ebda stadju ma qatt ghaddilhom il-hsieb li jitterminaw dik ir-relazzjoni. L-attur jghid li zzewweg ghax il-konvenuta inqabdet tqila bla mistenni, pero`, ma ppruvax li hu zzewweg mal-konvenuta biss minhabba dan il-fatt. Hemm differenza bejn min jizzewweg lil xi hadd ghax harigha tqila, u min jghaggel biex jizzewweg ghax is-siehba tieghu harget tqila. L-attur jghid li ma kienx ihobb lill-konvenuta, pero`, din il-Qorti difficli temmen dan meta dam sitt snin maghha qabel ma zzewigha!

Kif inghad, l-ewwel Qorti semghet hi stess lill-partijiet jixhdu, u ma tantx tat affidament lill-attur. Skont l-ewwel Qorti, l-attur kien qed jipprova jpingi lilu nnifsu bhala bniedem dghajjef u li joqghod ghal li jghidulu, pero`, il-Qorti ma haditx din l-impressjoni. Din il-Qorti, ma tarax li ghandha tiddisturba dan l-apprezzament tal-ewwel Qorti.

Hu wkoll irrilevanti l-"motivazzjoni" li jwassal lill-bniedem jizzewweg. Dak li hu rilevanti, min-naha l-ohra, hu jekk l-attur kienx matur bizzejjed li jifhem il-konsegwenzi tal-pass li kien se jaghmel. L-attur, li kellu 22 sena meta zzewweg, ma weriex li hu kien nieqes minn din il-fehma, tant li wara li zzewweg ghamel circa 18-il sena mal-konvenuta, u welled zewgt itfal ohra. L-attur ipprova juri n-nuqqas ta' maturita` tieghu billi jirrakonta l-inkwiet li kellu mal-konvenuta tul il-hajja mizzewga. Apparti l-fatt li l-konvenuta tghid li, zgur ghal-ewwel hames snin, ma kienx hemm problemi serji u kienu kuntenti flimkien, ic-cirkustanza li, f'xi okkazzjonijiet ma wettaqx, jew martu ma wettqitx, l-obbligi taz-zwieg ma jfissirx li huma ma kienux jafu dawn x'kienu jirrikjedu. Mhux bizejjed li turi li, tul il-hajja mizzewga, kien hemm diversi okkazzjonijiet ta' glied,

ghax dan ma jwassalx biex juri li huma ma fehmux ir-rwol taghhom bhala mizzewgin. L-argumenti u l-glied li nqalghu kemm qabel u kemm wara z-zwieg jindikaw, forsi, li l-partijiet ma kienux kompatibbli ma xulxin, pero`, xorta dahlu ghaz-zwieg ghax hekk riedu u mhux ghax gieghlhom xi hadd. Ragel li ma jhobbx lill-martu u ma ridhiex, ma jdumx 18-il sena jghix maghha u jwelled tlett itfal!

Ma rrizultax lanqas, kif jallega l-attur, li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat. Forsi, kif tallega ommu, hi zzewget ghal-flus, pero`, hadet decizjoni libera li tidhol ghal-hajja mizzewga u accettat li jkollha relazzjonijiet intimi mal-attur miftuh ghat-tfal u ma haditx prekawzjonijiet biex ma tohrogx tqila. Anke da parti taghha, wara konvivenza hekk twila, difficli ssostni li ma kienitx thobb lill-attur. Hi wkoll tirreferi ghal battibekki li nqalghu wara l-ewwel hames snin taz-zwieg, pero`, kif inghad, dan ma jurix nuqqas ta' apprezzament tar-responsabbiltajiet taz-zwieg fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens.

L-attur, imbaghad, jikkontradixxi ruhu meta jghid li da parti tieghu kien hemm "simulazzjoni totali". Dan ifisser li hu fehem f'hiex diehel, pero`, b'att pozittiv ta' rieda, eskluda z-zwieg innifsu. Ma ressaq ebda provi pero`, li juru din ir-rieda. Anke jekk, kif qal, izzewweg minhabba t-tarbija, ma jfissirx li ma riedx jizzewweg. Kif inghad, il-motiv ghaz-zwieg huwa rrilevanti, ghax hi l-liberta` tal-ghazla li hi importanti, u f'dan il-kaz ma jirrizultax li hu ssimula l-kunsens tant li dam mal-konvenuta ghal circa 18-il sena, tul ta' zmien li mhux kompatibbli ma' allegazzjoni ta' persuna li ma rieditx tizzeweg.

Fl-ahharnett, l-attur ressaq aggravju li bih attakka l-validita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti peress li, skont hu, din uzat procedura zbaljata meta insistiet li tisma' lill-konvenuta li ma kienitx wriet interess fil-kawza, tant li baqghet kontumaci. Din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti kienet zbaljata bil-mod li mxiet. Iz-zwieg huwa istitut ta' ordni pubbliku li jirrifletti fuq il-*ben essere* tas-socjeta`, u min jaghzel li jidhol f'dak l-istat, ma ghandux jippretendi li l-Qorti thassar kollox a bazi ta' dak li jghid l-attur biss.

Dawn il-qrati sa minn ftit wara li dahal fis-sehh l-imsemmi Att dwar iz-Zwieg kienu insistew li kawza ta' annullament taz-zwieg hija ta' natura delikata u anke jekk parti tibqa' kontumaci, ikun dmir tal-Qorti li tisma z-zewg partijiet u tqis bir-reqqa l-provi li jitressqu quddiemha – ara, per ezempju, **Agius v. Borg**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1995, u l-gurisprudenza hemm indikata. Fil-fatt, gie deciz ukoll li l-prova tal-fatti allegati tinkombi lill-attur u dan anke jekk il-konvenuta taqbel mal-allegazzjonijiet tal-attur – **Farrugia v. Farrugia**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Lulju 1987. Zwieg qalet din il-Qorti, mhux rabta coff, u l-Qorti ma tistax toghqod biss fuq konfessjoni gudizzjarja; hemm bzonn provi konkreti sostanzjati b'xhieda u cirkostanzi (ara wkoll il-kawza **Cassar v. Cassar**, deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2008). Kwindi ghamlet sew l-ewwel Qorti li tinsisti li tisma' l-konvenuta hi stess *viva voce* u tqis id-deposizzjoni taghha fl-ambitu tal-process li ressaq l-attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------